MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 201/2011

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) certifikat taz-zwieg Nru : tnejn zero zero tas-sena elfejn (200/2000) (Dok A) ;
2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt (2) tfal. Huma iffirmaw kuntratt ta' firda personali nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Amanda Grech (Dok B) ;
3. Illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu da parti tal-intimata ;
4. Illi l-kunsens tal-intimata kien inkiseb b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innfisu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ;
5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Artiklu 19 (1) (d) u / jew (f) ta' l-Att Nru xxxvii tas-sena 1975 (Kap 255) li jirregola z-Zwigijiet ;

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontrattat fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana ghal ragunijiet imputabbli solament lill-intimata;

Bl-ispejjes kontra l-intimata ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati inkwantu ghaliex ghalkemm l-esponenti taqbel li z-zwieg taghha mar-rikorrenti jista jigi dikjarat null dana m'ghandux ikun ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost minkejja li z-zwieg ta' bejn l-esponenti u r-rikorrrent kien sfaxxa u minkejja li hija kienet waslet biex taccetta illi ikun ahjar ghal gid tal-ulied u ghall-armonija ta' kullhadd li l-partijiet jinfirdu xorta hija ghadha tal-fehma li z-zwieg taghhom huwa wiehed validu skond il-ligi;
3. Illi semmai huwa r-rikorrent li bl-imgieba u l-attitudni tieghu li wassal biex jigi mkisser rapport li kien b'sahhtu billi fost ohrajn kien jara kif jaghmel biex jaghmel hinijiet twal 'l boghod mid-dar;
4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur u l-intimata datat it-12 ta' Marzu 2000 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Illi min-naha taghha l-intimata tghid li t-talbiet attrici huma infondati in kwantu ghaliex ghalkemm taqbel li z-zwieg ta' bejniethom jista' jigi dikjarat null, dana m'ghandux ikun ghal ragunijiet li huma imputabbli lilha. Subordinatament u minghajr pregudizzju tghid li hija xorta tal-fehma li z-zwieg taghhom huwa wiehed validu skond il-ligi izda zzid tghid li kienet l-attitudni tal-attur li kisser ir-rapport ta' bejniethom.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

L-attur jibda billi jghid li wara z-zwieg, il-partijiet mill-ewwel kellhom l-ulied u dan kien il-punt li wassal ghall-problemi ta' bejniethom. Hu jghid li l-intimata ma kienitx taf tikkomunika mieghu tant li kienet tghajjat ghajjat esagerat u tispicca ssemma lill-girien bil-konsegwenza li hu wkoll kien jispicca jghajjat biex jikkomunika maghha. L-attur jghid li f'martu qatt ma sab appogg jew sapport. Jekk kien ikun irid jaghmel oggett, bhal per ezempju li jghallem il-karozzi, minflok ma kienet tkun sors ta' kuragg ghalih, kienet taqtalu qalbu u tghidlu li m'hu kapaci ghal xejn bir-rizultat li kien ikollu moral baxx tant li spicca rrassenja ruhu minn kollox. Hu jghid ukoll li peress li jahdem mal-armata, m'ghandux hinijiet u mhux l-ewwel darba li mar

lura d-dar wara 24 jew 48 siegha. Izda minflok kien isib mara li tifrah bih, kienet tgerger ghaliex ikun dam ix-xoghol u tippretendi li jaghmel xoghol tad-dar minghajr ma tistaqsiehx jekk inqalalux xi haga fuq il-post tax-xoghol. Jekk gieli kien johrog ma' shabu kienet iccempillu wara saghtejn u biex jisfida kien idum aktar barra. Jghid li tant ma kienitx tafdah li meta qallha li missieru riedu jahdem mieghu, ir-risposta taghha kienet wahda fis-sens li ried jghallem lin-nisa. Din is-sikkatura u nuqqas ta' fiducja holqot rabja fih. Anke l-hin ma' missieru ippruvat taqtalu ghaliex kienet tivvinta xi skuza biex ma jinzilx fil-garaxx ma' missieru. Ghall-kuntrarju l-attur jghid li hu kien jiehu gost meta martu kienet tghidlu li sejra tas-Sliema ghax dan kien ifisser li kien ser joqghod wahdu fil-paci minghajr tgergir.

L-attur jghid ukoll li lanqas fuq il-finanzi ma kien hemm qbil bejniethom ghaliex filwaqt li kien jaghtiha l-paga kollha ghajr ghal tliet mitt Euro li kien izomm hu, l-intimata kienet xorta tippretendi li kull darba li johorgu, jhallas kollox hu. L-attur jghid li ma jafx x'kienet taghmel bihom il-flus ghaliex meta waslu ghas-separazzjoni, ma kienx hemm flus imgemma. Hu jghid ukoll li martu minn mindu kienet zghira kienet taghmel pussess fuq huha z-zghir u kienet taghmel l-istess mieghu izda ommu wissietu sabiex izommilha u biex ma jhallihiex tistmah qisu l-pupu taghha. Spicca li biex jevita xi argument jew xi 'kummiedja' kien gieli jorqod fil-karozza. Il-*leave* ma kienx jiehdu jekk mhux ta' bilfors u fi ftit kliem kien jaghmel minn kollox biex jevita li jmur id-dar. Is-sitwazzjoni ta' bejniethom kompliet tiddegenera tant li l-attur spicca jittrattaha mhux bhala martu. L-attur jaghlaq billi jghid li l-karattru veru ta' martu hareg fiz-zwieg u li kieku kien jaf x'kienet qabel, zgur li ma kienx jidhol ghaz-zwieg. Huwa biss illum li ghandu persuna ohra f'hajtu li jaf x'inhi l-imhabba, x'inhu rispett u xi tfisser komunikazzjoni bejn tnejn mizzewgin.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

Waqt ix-xiehda taghha *viva voce,* l-intimata terga tikkonferma li kienet taf x'inhi taghmel meta dahlet ghaz-zwieg u kienet taf ukoll b'liema responsabbilita' ghandha

tidhol ghalih ukoll. Tghid ukoll li wara t-twelid tal-ewwel tarbija, kienet baqghet tahdem u ghalhekk kellha bzonn l-ghajnuna tieghu izda l-attur dejjem ipprefera li jhallas il-flus biex ikun hemm min jiehu hsieb id-dar u jkun liberu. Tghid li l-attur ma riedx rabta mat-tfal mhux ghax ma jhobbhomx imma ghax kien ihobb ikun liberu. L-intimata tichad li ippruvat twarrbu mill-genituri tieghu anzi tghid li kienet tressqu hi lejn il-genituri tieghu ghaliex fi kliemha stess "***ma kienx persuna li jhobb jithallat, anke fl-gherusija***" (ara a fol 48 tal-process). L-intimata tghid ukoll li kienet tinkoraggieh fil-karriera tieghu u li kienet hi stess li ssuggerietlu biex imur l-Amerika ghal xahrejn shah. Tghid ukoll li ma kellhiex xi tgerger minnu ghaliex ghalkemm ma kienx ikun id-dar, kien ikun ix-xoghol imma fl-istess hin kienet tixtieq li jkun aktar id-dar.

L-intimata tiddiskrivi z-zmien tal-gherusija bhala zmien fejn l-attur kien jippreferi li johrog wahdu maghha, tant li minkejja li kienu joffrulu biex johorgu ma' hutu, kien jippreferi li johorgu wahedhom. Min-naha taghha l-intimata ma kienet tara xejn hazin f'li johorgu ma' hutu. Tghid li ma kienitx tiddejjaq fil-kumpanija tieghu u tghid ukoll li gieli hargu kemm mal-genituri tieghu kif ukoll mal-genituri taghha.

L-intimata tghid ukoll li l-glied u l-argumenti ma kienux ikunu regolari imma saru hekk kif l-attur beda relazzjoni ma' mara ohra. Mistoqsija in kontro-ezami jekk qabel ma skopriet b'din ir-relazzjoni, l-atteggjament taghha versu l-attur zewgha kienx negattiv, l-intimata tghid li ma kienx vicin ix-xejn ghaliex kienu qed jghixu hajja mizzewga kif titlob il-hajja mizzewga. Ghalkemm jigi ssuggerit lilha li l-attur kien jaghmel l-ghalmu tieghu biex ikun 'il boghod mid-dar tant li kien isiefer fuq xoghol u jaghmel l-*overtime,* l-intimata tibqa' ssostni li l-hajja mizzewga taghhom kienet wahda normali minkejja li tistqarr li kien isib skuza biex jitlaq barra mid-dar biex jevita r-responsabbilitajiet tat-tfal (ara a fol 55 tal-process). Tichad ukoll li l-attur kien jorqod barra d-dar meta ma kienx ikun xoghol.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-12 ta' Marzu 2000 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Emanuel B li jghid li l-*approach* lejn il-hajja kien differenti ghall-partijiet. Peress li kellu garaxx magenb id-dar tal-partijiet, jghid li kien jisma' hafna ghajjat u jiddiskrivi l-attitudni tal-intimata bhala ordnijiet bl-ghajjat bir-rizultat li ibnu l-attur kien sar nervuz pero' fl-istess hin inghalaq fih innifsu biex ma jinkwetax lill-genituri tieghu. Ix-xhud jghid ukoll li bejniethom ma kienx jara komunikazzjoni. Jekk l-attur kien jitniffes, hi kienet twaqqalu kelmtu u kien ghalhekk li kien jaghzel li jaghlaq halqu sakemm fl-ahhar waslu ghas-separazzjoni li skond ix-xhud stess ma kienet ta' sorpriza xejn ghaliex fi kliemu stess "***kien ilhom mixjin ghal hemm***" (ara a fol 26 tal-process).

Ix-xhud Anna B li tigi omm l-attur ukoll tiddiskrivi l-glied u l-ghajjat da parti tal-intimata. Tghid ukoll li ma kienitx thallih imur ghandhom, minkejja li kienu joqghodu bieb u ghatba. Tiddiskrivi l-attitudni tal-intimata bhala wahda li tistmah ta' tifel zghir u tiksru quddiem in-nies. Ommu tghid ukoll li wara li kien jasal lura mix-xoghol wara 48 siegha, kienet iggielghu jahsel l-art ukoll. Hi tghid li l-intimata ma kellha karezzi ta' xejn tant li quddiem in-nies kienet minflok tkellmu tordnalu bl-ghajjat. Fi ftit kliem tghid li ma kellha ebda rispett lejh quddiem in-nies ahseb u ara meta jkunu wahedhom. Ix-xhud taghlaq billi tghid li l-intimata kellha attitudni differenti fis-sens li peress li tahdem il-bank, riedet li tkun fil-kontroll ta' kollox. Kienet tghid ukoll li kienet thallas kollox minn butha biex iggib lill-attur fix-xejn ghalkemm fl-istess hin tghid li ghallmitu kif ghandu jaghmel kollox ghal dak li jirrigwarda t-tfal biex fi kliem l-istess xhud "***tkun komda hi***" (ara a fol 28 tal-process).

Il-Qorti thoss li l-partijiet ghazlu li jiffukaw fuq il-hajja mizzewga taghhom u ftit li xejn taw informazzjoni dwar l-gherusija taghhom izda dan huwa punt interessanti ghaliex jaghti x'jifhem dwar kif kienet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Huwa interessanti li l-intimata tghid li ma kienitx tiddejjaq meta kienet tkun wahedha mal-attur izda dan zgur li mhux bizzejjed biex iwassal persuna sabiex

tizzewweg. Il-fatt li l-intimata tikkonferma li l-attur huwa riservat u ma jfittix il-kumpanija, jkompli jitfa' d-dawl fuq in-nuqqas ta' komunikazzjoni li kellhom kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Min-naha tieghu l-attur jghid li kieku l-aspetti tal-karattru tal-intimata hargu minn qabel, zgur li ma kienx jidhol ghal dan il-pass. Min-naha l-ohra l-intimata taghti verzjoni ta' fatti ferm differenti minn dawk deskritti mill-attur ghaliex tipprova tpingi z-zwieg taghhom bhala wiehed normali bl-inkwiet normali li jkun hemm bejn koppja mizzewga, izda jirrizulta car li l-verzjoni tal-intimata hija mtappna bir-rabja li hija ghandha minhabba l-fatt li l-attur ghandu relazzjoni ma' terza persuna b'tali mod li qed izzommha milli tispjega s-sitwazzjoni reali kif kienet bejn il-partijiet. Il-Qorti tinnota wkoll kif l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma ssemmi kif waslu ghad-decizjoni taz-zwieg u tinnota wkoll li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet qatt ma semmiet il-kelma 'mhabba'. L-attur jargumenta li min-naha tal-intimata kien hemm nuqqas kbir ta' rispett lejh li kien gej mill-fatt li hija tahdem il-bank u ghalhekk kienet thossha superjuri fuqu. Dan in-nuqqas ta' rispett kien punt krucjali ghall-attur li fl-ahhar hassu degradad u ried li jwaqqaf dan iz-zwieg li fil-fehma tieghu ma kien zwieg xejn.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet***

***u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tax-xhieda prodotta, jirrizulta car li l-partijiet izzewgu minghajr ma verament kienu jafu lil xulxin. Hadd minnhom m’ghamel l-ezercizzju mentali dwar jekk verament riedux jidhlu ghal dan iz-zwieg bhal li kieku z-zwieg kien *just the next thing to do* u xejn aktar. L-intimata li tistqarr li l-attur dejjem kien ta ghalih wahdu, tilmenta li ma kienx iqatta’ hin mal-familja imma fl-istess hin tkun hi stess li wara x-xoghol tippretendih li jaghmel il-facendi u jekk ma jaghmilhomx, dan kien iwassal ghal xi sensiela ta’ tgergir jew argumenti. L-agir taghha, minnu nnifsu huwa prova ta’ kemm verament l-intimata ma kellhiex hjiel ta’ x’kien jispetta minnha bhala mara mizzewga. Iz-zwieg ifisser sapport u sostenn lejn il-persuna l-ohra imma minflok, l-intimata kienet taghzel li tghajjat u tordna lill-attur biex jaghmel l-affarjiet li tkun trid.

Il-Qorti tirrileva li taghti aktar kredibilita’ lill-attur li stqarr l-affarijiet kif verament kienu u ammetta meta anke hu stess zbalja u dagha. L-istess ma jistax jinghad ghall-intimata li uriet bic-car li pruvat tostakola kemm tista’ billi

tipprova tpingi z-zwieg ta’ bejniethom bhala wiehed validu meta fil-verita’ z-zwieg ta’ bejniethom ma kien zwieg xejn tant li la fl-gherusija u lanqas fiz-zwieg ma kellhom komunikazzjoni bejniethom. Jirrizulta car li l-intimata riedet tikkontrolla s-sitwazzjoni kif fil-fatt ippruvat taghmel fil-mori tal-kawza odjerna billi tpingi z-zwieg bhala wiehed tajjeb u normali (meta jirrizulta ampjament li dan ma kienx il-kaz) sempliciment biex ikollha kontroll tas-sitwazzjoni. Il-Qorti hija konvinta li bl-attitudni taghha u bil-mod ta’ kif agixxiet mal-attur, l-intimata fgat il-possibilita’ li jkun hemm zwieg hieni bejn il-partijiet ghaliex riedet li tkun fil-kontroll ta’ kollox u din l-attitudni tmur direttament kontra dak li huwa verament iz-zwieg. Iz-zwieg huwa rabta bejn tnejn min-nies li suppost jigbdu habel wiehed ghall-familja taghhom. Mill-provi irrizulta li l-intimata riedet tmexxi u tikkontrolla kollox wahedha bir-rizultat li minflok agixxiet ma’ zewgha kif kellha tagixxi, agixxiet mieghu bhal li kieku kien wiehed minn uliedha billi taghtih l-ordnijiet u minflok tikkomunika mieghu, tghajjat mieghu u tara li jobdi dak li trid hi. Din l-attitudni kissret il-possibilita’ li qatt seta’ jkun hemm zwieg bejn il-partijiet ghaliex l-attur spicca f’posizzjoni fejn ma kienx *an equal* mal-mara tieghu imma biss persuna li jrid bilfors jobdi jew jibqa’ sieket sabiex ma jismax tgergir.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-intimata inkiseb b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Il-Qorti trid tkun moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata ghamlet simulazzjoni taz-zwieg jew ta’ xi wiehed mill-elementi taz-zwieg taghha sabiex tkun tista’ tasal ghal decizjoni ta’ nullita’ abbazi ta’ dan l-Artikolu izda l-Qorti tirrileva li ma ngabet prova in sostenn ma’ din it-talba u ghalhekk, talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ abbazi ta’ dan l-artikolu ma tistax tintlaqa’.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------